

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili Suċċessjonijiet](#) > [Netherlands](#)

## Suċċessjonijiet

Olanda

Olanda

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 78 (a) - l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti b'guriżdzjoni biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 45(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 50(2)

- L-Artikolu 45(1): L-imħallef li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji (*voorzieningenrechter*) fil-qorti distrettwali (*rechtbank*).
- L-Artikolu 50(2): il-Qorti distrettwali tal-imħallef li qed jippresjedi s-seduta ta' smiġħ għal miżuri provviżorji li ddeċidiet dwar ir-rikors għall-eżekuzzjoni (*verzoek tot tenuitvoerlegging*).

L-Artikolu 78 (b) - il-proċeduri ta' biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 51

Appell fuq punt tal-liġi (*beroep in cassatie*) quddiem il-Qorti Suprema (*Hoge Raad*). Il-Qorti Suprema ma terġax tidħol fil-mertu tal-kawża. Il-Qorti Suprema taħdem fuq il-fatti kif kienu ġew stabbiliti mill-qorti li semgħet l-ewwel appell (f'dan il-każ il-qorti distrettwali). Il-Qorti Suprema tivverifika jekk il-qorti interpretatx u applikatx il-liġi b'mod korrett u jekk is-sentenza kkonċernata hijiex ġustifikata b'mod suffiċjenti u li jinftiehem. Il-proċedura għal appell fuq punt tal-liġi hija maħsuba biex tippromwovi u tiżgura uniformità legali, l-iżvilupp tal-liġi u l-protezzjoni tal-liġi.

L-Artikolu 78 (c) - informazzjoni rilevanti rigward l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 64

Nutar stabbilit fin-Netherlands. Id-dettalji ta' kuntatt tan-nutara b'esperjenza speċifika jistgħu jinkisbu mill-Assoċjazzjoni Rjali Olandiża tan-Nutara tad-Dritt Ċivili (Koninklijke Notariële Beroepsorganisatie - KNB).

Koninklijke Notariële Beroepsorganisatie (KNB)

Tel. +31 70 3307111

Fax: +31 70 3602861

Email: [info@knb.nl](mailto:info@knb.nl)

PO Box 16020, 2500 BA The Hague

Indirizz għall-visitaturi: Spui 184, 2511 BW The Hague

L-Artikolu 78 (d) - il-proċeduri ta' rimedju msemija fl-Artikolu 72

L-imħallef subdistrettwali (*kantonrechter*). Il-proċedura tibda bil-preżentazzjoni ta' rikors. Il-qorti distrettwali ssejjaħ lil partijiet interessati. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw risposta qabel jibdew il-proċedimenti jew, bl-awtorizzazzjoni tal-imħallef, matul il-proċedimenti. Huma jistgħu wkoll jippreżentaw ir-risposta tagħhom kontra r-rikors oralment waqt is-seduta ta' smiġġ. Fl-aħħar tas-seduta, l-imħallef jiffissa d-data għall-għoti tas-sentenza.

## L-Artikolu 79 - Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-list li fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2)

Fin-Netherlands ma hemmx awtorità tat-tip imsemmi fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament.

■ L-aħħar aġġornament: 13/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.